# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.1

**Kap 5: Ġesù jitwieled bħalna**

**Lezzjoni 5.1: Qed nistennew tarbija!**

**L-Għanijiet:**




L-istudenti:

a) Jiftakru x'isir bi tħejjija għal meta tkun ġejja tarbija ġdida fil-familja.

b) Jimmaġinaw u jifhmu l-ferħ li joħroġ minn dawn il-ġrajjiet.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Il-Bibbja;
- Powerpoint bi stampi ta' oġġetti marbuta ma' tarbija;
- Ritratti ta' tfal meta kienu tarbija (avżahom qabel il-lezzjoni biex iġibuhom dakinhar);
- Video clip ta' familja qed tifraħ bit-tarbija tagħha http://www.youtube.com/watch?v=c8BzF-TykDo



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Uri l-powerpoint biex twassal lit-tfal għall-avveniment li se jseħħ ġo din il-familja (i.e. li se jkollha tarbija).
- Oħroġ mit-tfal esperjenzi personali dwar dan.

**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

- Għid lit-tfal joħorġu r-ritratt tagħhom meta kienu tarbija, u permezz ta' mistoqsijiet sbieħ ipprova stabbilixxi kemm dan kien mument sabiħ għall-ġenituri tagħhom (u ħuthom fejn hemm).
- Agħti ċans lil kulħadd jitkellem.
- Uri vidjow clip ta' familja qed tifraħ bit-tarbija tagħha. (tista' tuża dak indikat fil-lista tar-riżorsi jew sib ieħor inti).
- Ipprova oħloq kuntrast ma' dak li qalu dwar tħejjija għal tarbija f'familja.
- Biex toħloq għaqda mal-lezzjoni li jmiss, staqsi lit-tfal biex jaħsbu kif in-nies tad-dinja, il-Maltin u aħna personali jippreparaw għall-festa li tfakkarna fit-twelid tal-Bambin. Inħeġġu lit-tfal iġibu stampi u tagħrif dwar dan, kemm hu possibbli.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. It-twelid ta' tarbija jġib miegħu ferħ kbir.
2. It-twelid ta' Ġesù tarbija ġab miegħu ferħ ferm akbar.
3. It-twelid ta' tarbija jeħtieġ ħafna tħejjija minn qabel.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- Ejjew nippreparaw ruħna flimkien għat-twelid ta' Ġesù biex din tkun għalina okkażjoni ta' ferħ.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Il-video clip imsemmi fil-lezzjoni dwar il-miġja ta' tarbija fil-familja:

  http://www.youtube.com/watch?v=c8BzF-TykDo



**Nitolbu**

O Ġesù, jiena ferħan ħafna li inti għażilt li titwieled fostna.

Għinni nipprepara ruħi sewwa għal din l-okkażjoni sabiħa. Jien Ġesù nixtieq li titwieled f'qalbi flok fl-għar fqajjar ta' Betlem.

